

Il-Ġurnal Uffiċjali C 269

tal-Unjoni Ewropea



Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

12 ta' Awwissu 2019

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 269/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9448 — Hitachi/Chassis Brakes International) ⁽¹⁾	1
---------------	---	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 269/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
---------------	--------------------------------	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2019/C 269/03	Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi	3
---------------	---	---

MT

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 269/04	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9493 — Triton/Aleris) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	4
2019/C 269/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9498 — Sumitomo/TTA/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	6

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.9448 — Hitachi/Chassis Brakes International)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 269/01)

Fl-1 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32019M9448. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Id-9 ta' Awwissu 2019

(2019/C 269/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1198	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4796
JPY	Yen Ġappuniż	118,51	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7790
DKK	Krona Daniża	7,4631	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7254
GBP	Lira Sterlina	0,92820	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5481
SEK	Krona Żvediża	10,6972	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 356,25
CHF	Frank Żvizzeru	1,0897	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	17,0060
ISK	Krona İzlandiża	137,30	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9039
NOK	Krona Norveġiża	9,9588	HRK	Kuna Kroata	7,3915
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 889,96
CZK	Krona Ċeka	25,828	MYR	Ringgit Malażjan	4,6858
HUF	Forint Ungeriż	324,78	PHP	Peso Filippin	58,207
PLN	Zloty Pollakk	4,3191	RUB	Rouble Russu	73,2133
RON	Leu Rumun	4,7264	THB	Baht Tajlandiż	34,400
TRY	Lira Turka	6,1452	BRL	Real Brażiljan	4,3994
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6452	MXN	Peso Messikan	21,7803
			INR	Rupi Indjan	79,2935

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi

(2019/C 269/03)

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-prospettar għall-idrokarburi fil-blokk F14, kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament tal-Minjieri (*Mijnbouwregeling*) (il-Gazzetta tal-Gvern (*Staatscourant*) 2014, Nru 4928).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fil-preambolu u fl-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (il-Bullettin tal-Atti u d-Digriet (*Staatsblad*) 2002, Nru 542), il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan jistieden lill-partijiet interessati biex iressqu applikazzjonijiet kompetittivi għall-awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fil-blokka F14 tal-blata kontinentali tan-Netherlands.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1) u (2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att dwar il-Minjieri (il-Bullettin tal-Atti u d-Digriet 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu waqt it-13-il ġimgħa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għandhom jiġu indirizzati lil:

Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika
attn.: Is-Sur J.L. Rosch, Direttorat għas-Shana u r-Riżorsi ta' Taħt l-Art
Posta elettronika: mijnbouwaanvragen@minezk.nl

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni se tittieħed, fil-prinċipju, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi ċċempel lis-Sa I.V.M Damhuis fuq dan in-numru tat-telefon: +31 703796011.

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9493 — Triton/Aleris)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 269/04)

1. Fil-5 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Triton Managers V Limited (Jersey) u Triton Fund V GP S.à.r.l. (il-Lussemburgu), li jappartjenu għall-grupp Triton ta' fondi ġestiti ("Triton", il-Lussemburgu),
- Aleris Healthcare AB u Aleris Imaging AB (flimkien "Aleris", l-Iżvezja).

Triton takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Aleris.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Triton: ditta ta' investiment li tinvesti primarjament f'pajjiżi li jikkellmu l-Ġermaniż, fil-pajjiżi Nordiċi, ir-reġjun tal-Benelux, Franza, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit,
- Aleris: fornitur privat Skandinavu ta' kura tas-saħħa speċjalizzata li joffri kura ta' speċjalisti versatili u servizzi ta' dijanjożi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9493 — Triton/Aleris

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9498 — Sumitomo/TTA/JV)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2019/C 269/05)

1. Fil-5 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Sumitomo Corporation ("SC", il-Ġappun)
- PT Tuah Turangga Agung ("TTA", l-Indoneżja), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Jardine Matheson Holdings Limited (iċ-Ċina),
- Il-kumpanija joint venture (il-"JV", Singapore).

SC u TTA jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma fil-kumpanija maħluqa għda li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SC: attivitajiet integrati ta' kummerċ u investiment fil-Ġappun u madwar id-dinja, b'mod partikulari kummerċ ta' prodotti tal-metal, trasport u kostruzzjoni ta' sistemi, ambjent u infrastruttura, kimiċi u elettronika, il-media, networks u prodotti marbuta mal-istil ta' ħajja, riżorsi minerali, l-enerġija u xjenza tal-ħajja,
- TTA: tħaffir u kummerċ tal-faħam, fl-Asja,
- il-JV: kummerċ tal-faħam termali, predominatament fl-Asja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9498 — Sumitomo/TTA/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT